# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Hamis, 25 ta' Novembru, 2021

**Kawża Nru. 17**

**Rik. Nru. 61/2021 ISB**

**Joseph Zammit (K.I. 685647M) fil-kapacita` tieghu ta' azzjonista tas-Socjeta` Cindy Limited (C 18711)**

**vs**

**Ir- Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Joseph Zammit** (K.I. 685647M) fil-kapacita` tieghu ta' azzjonista tas-Socjeta` Cindy Limited (C 18711), pprezentat fid-29 ta' Lulju 2021, li permezz tieghu huwa jsostni hekk:-

*Illi r-rikorrenti Joseph Zammit u Carmelo Zammit huma azzjonisti tal-kumpanija* ***CINDY LIMIED (C 18711)*** *kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dok. A;*

*Illi s-socjeta' Cindy Limited (C18711) naqset milli tottempra ruhha mad-dispozizzjonijiet u r-rekwiziti mandatorji tal-Ligi rigward il-kumpanniji u prattici ohra u per konsegwenza giet` imnehhija minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fis-sebgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (27.06.2020) kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Dok D;*

*Illi r-rikkorrenti saru jafu b`dan ricentament u hassew ruhhom aggravat bil-fatt li l-isem tas-socjeta` Cindy Limited (C18711) thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Illi r-rikorrenti huma lesti li jiehdu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni sabiex din tigi riattivata;*

*Illi hekk kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza huma ghandhom interess li l-isem tal-imsemmija socjeta` jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji sabiex l-istess kumpannija bl-assi taghha tkun tista` tkompli topera u tibqa` topera u dan anki' ghaliex l-kumpanija hija projetarja ta' assi immobiljari;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li dina l-Onorabbliorti sabiex prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni tordna r-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini talArtikolu 325 (4) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta):-n*

*i. Jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta Cindy Limited (C18711) ir-Registru tal-Kumpaniji ; u*

*ii. Tordna lill-istess Registratur jaghmel il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relattivament tal-inserzjoni firRegistru tal-Kumpanniji u dana kollu taht dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** li kienu prezentati mar-rikors (fol 3 sa fol 4).

Rat **<u>id-digriet</u>** taghha tas-17 ta' Awissu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-4 ta' Novembru 2021 fl-10:00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-5 ta' Ottubru 2021 (ara tergo ta` fol 6).

Rat illi fil-21 ta' Ottubru 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 9) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Cindy Limited (C 18711) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-28 ta' Ġunju 1995;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-aħħar kont annwali mibgħut lir-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 1999 u l-aħħar prospett annwali illi ġie rreġistrat kien dak tas-sena 2001;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur ipproċeda u kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha (annessi u mmarkati bħala Dok. **'A'**, **'B'**, **'C'** u **'D'** l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill- kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha, '888, Marsascala Road, Żabbar', kif ukoll lill-uniku direttur, Joseph Azzopardi fl-indirizz, 'Woobinda, A.Caligari Street, Żabbar' , datati, 18 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizzi fis- 27 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'din l-ittra il- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-27 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-30 ta'Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal* ***EUR 5,248.24.***

*Illi di piu' il-penali fuq il-kontijiet annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal* ***EUR 19,802.50.***

*Illi għaldaqstant ir-Reġistratur hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembnru 2021, dehru l-Avukati Franco Galea u Ilona Debono ghar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat l-verbal ta' dik l-udjenza, minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi <u>kollha</u> tas-socjeta` Cindy Limited (C-18711) mar-Registratur intimat kienu gew rizolti u rregolarizzati, u allura l-procediment seta' jithalla ghall-provvediment.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta' Malta, u li permezz taghha, ir-rikorrent jghid illi fis-27 ta' Gunju 2020, ir-Registratur intimat nehha u hassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji isem il-kumpannija kummercjali **Cindy Limited (C-18711)**.

Illi r-rikorrent, bhala azzjonist fis-socjeta` Cindy Limited (C-18711) kellu l-interess illi jistitwixxi dawn l-odjerni proceduri u fl-istess hin ammetta illi l-kumpannija kienet naqset milli tottempra ruha mad-disposizzjonijiet u r-rekwiziti mandatorji bil-ligi rigward il-kumpanniji u prattivi ohra.

Addirittura fir-rikors tieghu ir-rikorrent stqarr illi huwa kien lest jara illi l-kumpannija tirregolarizza l-istat tal-affarijiet taghha mar-Registratur intimat, anke ghaliex kellu interess illi jara l-kumpannija tkompli topera u thaddem l-assi taghha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi taghha mar-Registratur, kemm billi naqqset milli tipprezenta prospetti annwali u kif ukoll kontijiet annwali. Jghid illi sal-mument tat-tnehhija tal-kumpannija minn fuq ir-Registru, l-kumpannija kellha thallas lill-ufficju tieghu hames t'elef mitejn u tmienja u erbghin Euro u erba' u ghoxrin centezmu (€5,248.24) fi spejjes ta' registrazzjoni u s-somma ta' dsatax il-elf, tmien mija u zewg Euro u hamsin centezmu (€19,802.50)

f'penali. Jghid illi ghalhekk kellu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi biex sar dan.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena citat.

M'hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija Serracenia Holdings Limited (C-44477) giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Id-dokumenti ppresentati mar-rikors jitkellmu wahedhom u ma jirrizultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irrizultaw.

Il-Qorti pero`, kif taghmel dejjem f'cirkostanzi bhal dawn u qabel ma tghaddi ghall-provvediment, tqis id-disponibilita' tar-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpannija mar-Registratur. F'dan il-kaz, ir-rikorrent zamm kelmtu u l-promessa minnhu maghmula u sahansitra sa qabel il-prim appuntament quddiem il-Qorti, l-affarijiet tal-kumpannija gja kienu gew regolarizzati. Fil-fatt, fl-ewwel udjenza, il-Qorti giet mgharrfa mid-difensuri tal-partijiet illi l-pendenzi kollha tal-kumpannija Cindy Limited kienu gew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet ghalhekk, il-Qorti giet mistiedna tghaddi ghall-provvediment.

Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provvediment tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Cindy Limited (C-18711)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Cindy Limited (C-18711)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Cindy Limited (C-18711)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Rita Vella Baldacchino**
**Deputat Registratur**